# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn sittax (16) ta' Ottubru 2017**

**Rikors Numru 44/16 FDP**

**Dr Simon Busuttil**
**(ID 242669M)**

**vs**

**Joseph Caruana bhala agent editur tal-gazzetta "It-Torca"**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fid 29 ta' Frar 2016 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti is-segwenti:

(1) Prevja li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi u tiddikjara li l-artikolu ppubblikat fil-harga tal-gazzetta 'It-Torca' ta' nhar il-Hadd, 28 ta' Frar 2016 fl-ewwel pagna tal-gazzetta bit-titolu b'tipa kbira "**AKKUZI INFONDATI … Il-Kap tal-PN ma ddikjarax sehmu f wahda miz-zewg trust companies li hu involut fihom u li ma semmiex**", liema artikolu kompla fir-raba' (4) pagna tal-istess gurnal bit-titolu wkoll b'tipa kbira "**SEHEM FI TRUST LI MA DDIKJARAX - Bhala Membru Parlamentari Malti, Busuttil qatt ma ddikjara sehmu f'wahda minn zewg trust companies fejn ghadu jidher shareholder**," kemm fl-assjem tieghu kif ukoll permezz ta' frazijiet individwali, kien jikkontieni allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet foloz, inveritjieri, qarrieqa u malafamanti fil-konfront tal-attur u kien libelluz u/jew malafamanti fil-konfront tal-istess, liema artikolu kellu bhala skop u/jew effett li joffendi l-unur u l-fama tieghu u li jesponih ghar-redikolu u disprezz tal-pubbliku u/jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu, kif ukoll li jqarraq lill- pubbliku fil-fehmha tieghu fil-konfront tal-attur;

(2) Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Onorabbli Qorti, liema somma ma teccedix l-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro (€11,646.00) bhala danni b applikazzjoni tal-Att dwar l- Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, ossija l-bidu ta' artikolu illi deher fil-faccata tal-gazzetta It-Torca tal-Hadd 28 ta' Frar 2016 intitolat "**Akkuzi Infondati**", u li kien jghid is-segwenti:

> *Dokumenti jikkonfermaw li t-trust fi New Zealand u l-kumpanija fil-Panama tal-familia tal Ministru Konrad Mizzi ma jinkludu la flus la kontijiet bankarji u lanqas assi...*
>
> *Il-Kap tal-PN ma ddikjarax sehmu f'wahda miz-zewg trust companies li hu involut fihom u li ma semmiex*
>
> *It-TORCA nghatat access ghal dokumentazzjoni relatata mat- trust u l-kumpanija tal-familja ta' Konrad Mizzi, li tikkonferma l-fatti kif spjegahom ezatt il-Ministru tal-Energija u s-Sahha fl-ahhar jiem. F'kummenti ma' din il-gazzetta, Mizzi sahansitra qal li se jitlob tax audit mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. "Tant kemm jien m'ghandix x'nahbi li se nkun l-ewwel Membru Parlamentari fl-istorja ta' Malta li jitlob ghal tax audit fuqu stess."*
>
> *Fi zvilupp iehor relatat mal-kwistjoni li bdiet nhar l-Erbgha, jirrizulta li l-Kap tal-Partit Nazzjonalista Simon Busuttil naqas milli jsemmi sehmu f'wahda mit-trust companies li hu stess involut fihom bhala parti mid-dikjarazzioni tal-assi fil-Parlament Malti.*

Fuq pagna 4, apparti li jkompli l-artikolu fuq imsemmi, fejn jikteb dwar il-kaz tal-akkuzi fil-konfront tal-Ministru Konrad Mizzi w il-gustifikazzjonjiet minnu moghtija, imbghad, hemm artikolu iehor relatat illi jgib ritratt tar-rikorrenti u titolu "**Sehem fi Trust li ma ddikjarax**". Dana l-artikolu jghid is-segwenti:

> *Bhala Membru Parlamentari Malti, Busuttil qatt ma ddikjara sehmu f'wahda minn zewgt trust companies fejn ghadu jidher shareholder.*
>
> *Fid-dikjarazzjonijet tal-assi li pprezenta kemm ilu Kap tal-Oppozizzjoni u Membru tal-Parla- ment Malti, Simon Busuttil qatt ma ddikjara s-sehem tieghu fi trust company partikolari, The Alphabet Trustee, wahda minn tnejn li hu involut fihom, kif zvela nhar il-Gimgha L-ORIZZONT.*
>
> *Sar maghruf Busuttil huwa nvolut bhala shareholder magguri f'mill-inqas zewg trusts, xi haga li eskluda ghal kollox sa mit-tnedija tal-attakki tieghu Ministru Konrad Mizzi, wara li dan iddikjara li trust li ghandha l-familja tieghu.*
>
> *The Alphabet Trustee hi trust company fejn Busuttil qed jidher fiha bhala share-holder mal Avukat tal-Partit Nazzjonalista Peter Fenech, taht l-isem Gansam Holdings Ltd, u Austin Sammut, li wkoll maghruf bhala avukat qrib tad-Dar Central.*
>
> *Kif zvela L-ORIZZONT ilbierahtlula, Busuttil u Fenech jidhru wkoll flimkien bhala shareholders fi trust company ohra bl-isem ta' GSN Ltd. Jirrizulta li fl-2012 kien inbeda process biex iz zewg trust companies irregistrati fid-disghinijiet, jinghalqu. Minkeija dan, id- dokumenti ufficjali u attwali tal-Awtorita Maltija ghas-Servizzi Finanziarii (MFSA) ghadhom juru lill-istess Busuttil u Fenech bhala x-shareholders. L-istat tal-kumpaniji hu mnizzel bhala "in dissolution".*
>
> *F'intervent qasir bit-telefown il-Gimgha stess filghaxija fuq NET TV mill Italia, ser fein jinghad li mar ghal loghba futbol, Busuttil evita li jsemmi tali involviment tieghu f'zewg*

*trust companies, anke jekk kif mistenni rega' nfexx jattakka u jittanta jiskredita lill-Ministru tal- Energija u s Sahha u l-Prim Ministru Joseph Muscat f'daqqa.*

*Kien biss ilbierah f nofsinhar li waslet twegiba mill-Ufficciu tal-Kommunikazzjoni tal-PN dwar rapport tal Gimgha ta' L-ORIZZONT. Minkeja dan, izda, Busuttil rega' zgicca milli jghid ezatt l-involviment tieghu fit-trust companies li skont l-awtorita responsabbli ghad hom "hajjin" b xi mod jew inkella "f'agunija".*

*Hu stqarr li "d-ditta legali li jiena kont parti minnha sal-2010, illum xolta, kellha, fost l-ohrajn, kumpanija li toffri servizzi legali ta' trusts bhal kull ditta legali ohra f Malta li tahdem fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Kif diga hu maghruf, jiena ili li waqqaft il-pratitika legali tieghi mill-2010 u rrizenjajt mill-kumpaniji tad-ditta legali sa qabel sirt Kap tal-PN.*

*"Kif tixhed id-dikijarazzjoni tal-assi tieghi, m'ghandi l-ebda, trust u l-ebda kumpanija rregistrata barra minn Malta, kif ghandu l-Ministru Konrad Mizzi, li rrizulta li ghandu trust fi New Zealand u kumpanija fil-Panama u langas qatt nohlom li naghmel dawn l-affarijiet waqt li jkolli kariga ministerjali," kompla Busuttil.*

*Minkejja dan, minbarra li l-MFSA ghadha turi lil The Alphabet Trustee u GSN Ltd "mhux meitin" sal-lum u lil Busuttil bhala shareholder, rrizulta li fid-dikjarazzjoni tal-assi tieghu, bhala Membru tal-Parlament Ewropev, sentein wara l-2010 (is-sena indikata minnu), il-Kap tal-PN kien ukoll irrefera ghaz zewg trust companies.*

*Anzi, aktar minn hekk, fl-ewwel dikjarazzjoni tieghu fil Parlament Malti fl-2013, ghal xi raguni mhux maghrufa,Busuttil nizzel sehmu fit-trust company GSN Ltd izda mhux dak f'The Alphabet Trustee.*

*Bhala membru tal-Parlament Malti, Busuttil hu marbut b'kodici ta' etika li jnizzel fid-dikjarazzjoni tal-assi lill-Parlament ishma li jkollu, ezercizzju li kull deputat mitlub jaghmel kull sena. Fid-dikjarazzionijiet pubblici tal-assi tieghu, Busuttil mkien ma jsemmi The Alphabet Trustee, minkeija li sal-lum ghadu jidher bhala shareholder taghha.*

*Fil-kumplament taghha, it-twegiba lbierah ta' Busuttil ma tghid xejn izjed dwar iz-zewg trusts u minflok tinfexx f'attakk partiggjan kontra l-Ministru Mizzi.*

*Nhar l-Erbgha, fil-Parlament, Busuttil hadha qatta bla habel kontra Konrad Mizzi ghax dan iddikjara li ghandu trust li jiehu hsieb il-gid tal familia tieghu. Il-Kap Nazzionalista allega li, bhal trusts ohrajn, skont hu, dan qed jintuza biex fih jinhbew miljuni kbar ta' flus fih.*

*Busuttil baqa' m'accettax l-isfida li ghamillu Mizzi biex jirrepeti barra dak li qal fil-Parlament, jigifieri minghajr privileg Parlamentari, halli jkun jista jiftahlu libell.*

*Minkeja dan, il-Kap tal-Oppozizzioni mhux biss harab mill-isfida li ghamillu l-Ministru, izda sahansitra evita kompletament li jsemmi t-trusts li hu involutt fihom hu u wisq jichad lis-storja ppubblikata nhar il- Gimgha f' L-ORIZZONT.*

*Anzi mistednin fl istess programm ta' NET TV, fein interviena minn barra Malta Busuttil, ukoll komplew irewhu l-qiegha billi jitfghu dubji serii dwar uzu tat-trusts kif ghandu l-Kap Nazzjonalista.*

> *It-trusts li jinvolvu direttament lil Busuttil bin-numri ta' registrazzioni C23567 u C17787 gew imnizzlin fuq l-ufficciju 36, Triq Arcisqof, il-Belt Valletta, l-istess indirizz uzat ghar-registrazzioni ta' Gansam Holdings Ltd u minn fejn kienet topera kumpanija legali Ganado Sammut Advocates qabel din inghaqdet ma' Fenech Farrugia Fiott Legal.*

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimat Josef Caruana ippresnetati fil 11 ta' Marzu 2016 fejn laqa' ghal dak mitlub billi ressaq is-segwenti eccezzjonijet:

1. Illi dak migjub fil-harga tat-TORCA u li minnu qed jilminta r-Rikorrent hu sostanzjalment korrett.

2. Illi dak li nkiteb hu materja ta' nteress pubbliku. Hu dritt tal pubbliku/qarrejja li jkunu jafu x'inhu ghaddej fil-pajjiz u li jinteressahom u dan jikkorrispondi mad-dmir tal-gurnalista li m lill-pubbliku nfurmat.

3. Illi hu ta' dominju pubbliku li s-suggett tal kitba in kwistjoni issa illi xhur kulhadd jghid tieghu dwaru, b'dikjarazzjonijiet u konferenzi stampa u ntervisti li ddominaw ix-xena politika lokali u l-kitba tat-Torca trid titqies fuq dan l-isfond. Anke fuq l-isfond ta' x'ilu jghid u jallega fuq haddiehor ir-Rikorrent fejn anke gie sfidat, li fir-rigward ta' diskors tieghu fil-Parlament dwar il- Ministru Konrad Mizzi gie sfidat itenni l-istess kliem, kelma b'kelma bhala l-Parlament biex b'hekk titnehhielu immunita' parlamentari.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Dr Simon Busuttil** ippresentat fis-16 ta' Mejju 2016.

Rat l-affidavit ta' **Dr Peter Fenech**, ippresentat fis 16 ta' Mejju 2016.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent fis-16 ta' Mejju 2016, li tinkludi varji artikoli esteri dwar il kaz tal-'Panama Papers'.

Rat il-kopja tad-Dikjarazzjonijiet illi r-rikorrent ippresenta fil-Kamra tad-Deputati skond il-Kodici tal-Etika ghas-snin 2013 u 2014. (fol 31)

Rat illi fit-30 ta' Mejju 2016 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Josef Caruana** moghtija fis-6 ta' Ottubru 2016 flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebita ossija l-estratti mahruga mill-MFSA tas-socjetajiet The Alphabet Trustee (Nominee) Limited (fol 56), Gansam Holdings Limited (fol 58) u GSN Limited (fol 60) kif ukoll ir-risposta mibghuta minn Matthew Bonett, Direttur tal-Informazzjoni tal-Partit Laburista u mibghuta bhala dritt ta' risposta ghall-artikolu illi deher fuq l-Orizzont fis 26 ta' Frar 2016 u li kien il-bazi tal-artikolu meritu tal-kawza odjerna (fol 62).

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat Josef Caruana u d-dokumenti minnu esebit, ossija l-artikolu illi deher fuq l-Orizzont fis-26 ta' Frar 2016.

Rat illi fit-12 ta' Gunju 2017 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta w ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijiet finali.

Semghet is-sottomissjonijet finali ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet illi saret fl-10 ta' Lulju 2017, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi, fit-28 ta’ Frar 2016, il-gazzetta ta’ nhar ta’ Hadd, It-Torca, ghamlet zewgt stejjer, wahda illi kienet tibda tidher kemm fuq il-faccata ta’ l-istess gurnal kif ukoll fir-raba pagna taghha, u ohra fuq ir-raba pagna tal-gurnal, fejn qalet illi ir-rikorrent, bhala Kap tal-Opposizzjoni, kien naqas milli jiddikjara s-sehem tieghu f’wahda minn zewgt *trust companies* illi huwa kien involut fihom fid-dikjarazzjonijiet illi huwa kien ghamel lill-Kamra tar-Rappresentanti.

Jirrizulta illi gie allegat li r-rikorrent kien naqas milli jiddikjara l-involviment tieghu fil-kumpannija The Alphabet Trustee (Nominee) Limited.

Jirrizulta illi dan allegat mill-gazzetta It-Torca, illi taghha l-intimat Josef Caruana kien l-editur fid-data tal-pubblikazzjoni, huwa riassunt f’dawna t-tlett paragrafi tal-artikolu illi l-Qorti ser terggha tirriproduci:

> *Sar maghruf Busuttil huwa nvolut bhala shareholder magguri f’mill-inqas zewg trusts, xi haga li eskluda ghal kollox sa mit-tnedija tal-attakki tieghu Ministru Konrad Mizzi, wara li dan iddikjara li trust li ghandha l-familja tieghu.*
>
> *The Alphabet Trustee hi trust company fejn Busuttil qed jidher fiha bhala share-holder mal-Avukat tal-Partit Nazzjonalista Peter Fenech, taht l-isem Gansam Holdings Ltd, u Austin Sammut, li wkoll maghruf bhala avukat qrib tad-Dar Central.*
>
> *Kif zvela L-ORIZZONT ilbierahtlula, Busuttil u Fenech jidhru wkoll flimkien bhala shareholders fi trust company ohra bl-isem ta' GSN Ltd. Jirrizulta li fl-2012 kien inbeda process biex iz zewg trust companies irregistrati fid-disghinijiet, jinghalqu. Minkeija dan, id- dokumenti ufficjali u attwali tal-Awtorita Maltija ghas-Servizzi Finanziarii (MFSA) ghadhom juru lill-istess Busuttil u Fenech bhala x-shareholders. L-istat tal-kumpaniji hu mnizzel bhala "in dissolution”*

Jirrizulta illi dina l-istorja kienet gia ippubblikata fil-gazzetta l-Orizzont tas-26 ta’ Frar 2016 u ghaliha ir-rikorrenti kien talab il-hrug ta’ dritt ta’ risposta fis-27 ta’ Frar 2016 fejn, inter alia, kien qal is-segwenti:

> 1. *Id-ditta legali li jiena kont parti minnha sal-2010, illum xolta, kellha, fost l-ohrajn, kumpanija li toffri servizzi legali ta' trusts bhal kull ditta legali ohra f Malta li tahdem fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Kif diga hu maghruf, jiena ili li waqqaft il-pratitika legali tieghi mill-2010 u rrizenjajt mill-kumpaniji tad-ditta legali sa qabel sirt Kap tal-PN.*
>
> 2. *Kif tixhed id-dikijarazzjoni tal-assi tieghi, m'ghandi l-ebda, trust u l-ebda kumpanija rregistrata barra minn Malta, kif ghandu l-Ministru Konrad Mizzi, li rrizulta li ghandu trust fi New Zealand u kumpanija fil-Panama u langas qatt nohlom li naghmel dawn l-affarijiet waqt li jkolli kariga ministerjali.*

Jirrizulta illi l-awtur tal-artikolu meritu tal-kawza odjerna ghamel ukoll referenza ghall-tali ittra w spjegazzjoni tar-rikorrenti fl-artikolu meritu tal-kawza odjerna intitolat “*Sehem fi Trust li ma ddikjarax*”.

Jirrizulta, finalment, illi fl-isfond ta’ dana l-artikolu kien hemm storja ohra, li kienet harget fuq il-mezzi tax-xandir lokali kif ukoll esteri ftit jiem qabel, fejn kien qieghed jigi allegat illi Konrad

Mizzi, dak iz-zmien Ministru tal-Energija u Sahha, kellu *Trust company* personali tieghu rregistrata gewwa l-Panama, pajjiz definit mir-rikorrenti bhala "*tax haven maghruf ghall-flus mahmuga u l-evazjoni tat-taxxa*" (fol 62), liema kumpannija kien qieghed jigi allegat, ma kienet dikjarata qatt mill-istess Konrad Mizzi.

Jirrizulta, di fatti, illi fit-28 ta' Frar 2016, kemm fuq l-ewwel pagna tal-gazzetta It-Torca kif ukoll ir-raba pagna, flimkien ma' l-istorja meritu tal-kawza odjerna, kien hemm storja dwar il-kumpannija ta' l-Ministru Konrad Mizzi, illi kienet taghti l-verzjoni tal-fatti kif dikjarati mill-istess Konrad Mizzi, ossija illi tali trust kienet twaqqfet "*biex jimmaniggja l-finanzi tal-familja Mizzi fuq periodu fit-tul, fuq pariri ta' konsulenti finanzjarji*" kif ukoll illi "*la fit-trust u lanqas fil-kumpannija tal-istess trust ibbazata fil-Panama m'hemm jew qatt kien hemm xi assi, kontijiet bankarji jew flus.*" (fol 4)

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi fid-difiza tieghu, l-intimat jikkontendi illi dak minnu miktub kien ta' interess pubbliku u kellu dmir li jzomm il-pubbliku infurmat. Sahaq ukoll illi s-suggett kien ta' dominju pubbliku u kien ilu jiddomina x-xena politika lokali ghal xhur shah.

Il-Qorti thoss illi, qabel ma tghaddi biex taghmel il-kummenti w il-konsiderazzjonijet taghha, huwa opportun illi taghmel riassunt tal-punti legali w gurisprudenza nostrana u estera dwar d-difiza mqajjma mill-intimat.

**Ikkunsidrat**

L-ewwel u qabel kollox, huwa fatt illi r-rikorrent huwa persuna pubblika peress illi kien il-Kap tal-Opposizzjoni meta harget l-istorja meritu tal-kawza odjerna. Kif intqal fis-sentenza **Ligens vs Austria**, mhaddna mill-Qorti Maltin ukoll:-

> *Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*
>
> *The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Mill-banda l-ohra, kif qalet il-Qorti Ewropea fil-kawza **Fresos & Roire vs France**

> *"the press plays an important role in a democratic society, although it must not overstep certain bounds, in particular in respect of reputation and rights of others. People exercising freedom of expression including journalists undertake duties and responsibilities."*

Jirrizulta, di fatti, illi l-intimat, fid-difiza, qieghed jappella ghad-dritt tal-liberta ta' l-espressjoni w id-dritt tal-gurnalist illi huwa kellu, u f'dana il-kuntest il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-kawza deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijet **Axel Springer AG vs Germany** deciza fis-7 ta' Frar 2012, fejn intqal is-segwenti:

> *78. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". As set forth in Article 10, freedom of expression is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly*
>
> *79. The Court has also repeatedly emphasised the essential role played by the press in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, regarding in particular protection of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them. Were it otherwise, the press would be unable to play its vital role of "public watchdog"*

L-istess Qorti tkompli tghid:

> *81. Journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation (see Pedersen and Baadsgaard, cited above, § 71). Furthermore, it is not for the Court, any more than it is for the national courts, to substitute its own views for those of the press as to what techniques of reporting should be adopted in a particular case.*

Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, kif jghidu l-Qrati nostrani u esteri, ir-rwol importanti tal-gurnalist u d-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni, madanakollu, ghandu jigi bilancjat bi drittijiet u obbligi fuq l-istess gurnalist fil-qadi ta' dmirijietu, u, di fatti, il-Qorti, dwar tali doveri da' parte tal-gurnalist, u ghalhekk, kif tghid il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza gia fuq imsemmija:

> *82. However, Article 10 § 2 of the Convention states that freedom of expression carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern. These duties and responsibilities are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations.*

Huwa ghalhekk dover ta' dina il-Qorti sabiex tassikura illi jintlahaq bilanc bejn id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni u id-dritt tal-protezzjoni tar-reputazzjoni, u dana sabiex jigi assikurat li hemm tali bilanc, ghal liema bilanc il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem niedet sitt kriterji importanti

sabiex jigi assikurat illi, kif tghid il-Qorti, "*the right to freedom of expression is being balanced against the right to respect for private life*".

Tali kriterji gew mhaddna anke mill-Qrati taghna, kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, fejn osservat korrettement illi :

> *dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li*
>
> *(a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;*
> *(b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu;*
> *(ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq;*
> *(d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u*
> *(e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Dawna l-qrati, madanakollu, dejjem ipprotegew il-gurnalizmu investigattiv, u di fatti, kif stqarret il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud**, deciza fit-3 ta' Frar, 2012:

> *"gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."*

Din il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tergghax tirripeti dak illi hija gia kellha l-opportunita tghid fil-kawza mhux appellata fl-ismijet "**Alan Camilleri vs Saviour Balzan**" u deciza fl-20 ta' Gunju 2016 fejn dwar il-gurnalizti w id-doveri taghha, sahqet li

> *" ... ghalkemm huwa d-dover tal-gurnalist illi jgharraf u jzomm lill-pubbliku w il-qarrejja a korrent ta' kull informazzjoni relatata ma' agir ta' persuni pubblici, kemm politici kif ukoll persuni fis-servizz civil u f'posizzjonijiet importanti fis-socjeta civili, huwa ferm aktar importanti illi l-gurnalist jassikura ruhu illi l-fatti kif minnu indikat huma sostanzjalment veri u, f'kaz illi huwa ma jkollux konfort ta' provi sufficjenti, ghandu jzomm lura milli jippubblika tali stejjer, stante illi l-pubblikazzjoni ta' l-istess jwasslu sabiex il-kredibilita' tal-gurnal u l-gurnalist tigi pregudikata u, aktar importanti, il-pubbliku in generali jinghata informazzjoni illi ma jkunx minnu, fatt illi, minnu nniffsu, huwa ta' hsara kemm lill-persuna illi dwarha qed issir l-istorja u, aktar u aktar, lill-gurnalizmu il-generali, li jisthoqqlu rispett ghax-xoghol siewi u ta' utilita' kbira ghas-socjeta demokratika hajja illi Malta tgawdi illum il-gurnata.*

Di fatti, kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016.

> *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi r-rikorrent, fix-xhieda tieghu, indika illi, fost affarjiet ohra, huwa jhossu malafamat bill-fatt illi, bi kliem bi tipi kbar, l-gazzetta It-Torca, illi taghha l-intimat huwa l-editur, allegat darbtejn u go zewgt stejjer differenti, illi huwa ma kienx iddikjara is-sehem tieghu gewwa zewgt trust companies illi "*huwa involut fihom*" u li fiha "*ghadu jidher shareholder*".

Jirrizulta illi dina l-kumpannija illi fiha l-awtur allega illi r-rikorrent kien naqas milli jiddikjara s-sehem tieghu kienet The Alphabet Trustee (Nominee) Limited.

Jirrizulta, mid-dokumentazzjoni esebita mill-intimat stess u li kienet in pussess ta' l-awtur tal-artikoli qabel ma giet ippubblikata l-istorja meritu tal-kawza odjerna, illi, a differenza ta' dak illi kien qieghed jigi allegat fit-titolu, r-rikorrent ma kellu assolutament ebda sehem dina l-kumpannija x'jiddikjara. Di fatti, jidher illi l-azzjonist uniku ta' dina l-kumpannija kienet il-kumpannija Gansam Holdings Limited.

Jirrizulta ukoll illi ir-rikorrent huwa mbghad azzjonist fil-kumpannija Gansam Holdings Limited fi kwoti indaqs flimkien ma' Dr Peter Fenech u Dr Austin Sammut.

Jirrizulta illi a tenur tal-**Kodici ta' l-Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati** ppubblikat bis-sahha tal-Artikolu 16 tal-Kap 113 tal-Ligijiet ta' Malta intitolat Privileggi u Setghat tal-Kamra tad-Deputati, huwa obbligu ta' kull Membru li, kull sena, jghaddi lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati rapport fejn jindika, fost affarjiet ohra

> *(c) azzjonijiet f'investimenti ta' kumpanniji kummerċjali inklużi flus depożitati fil-banek u kull xort'oħra ta' interess finanzjarju;*
>
> *(d) pożizzjonijiet ta' direttur u dawk oħra f'kumpanniji kummerċjali, assoċjazzjonijiet, boards, soċjetajiet, kooperattivi jew kull grupp ieħor ukoll jekk dawn ikunu għaqdiet volontarji;*

Jirrizulta car, ghalhekk, illi l-obbligu tar-rikorrent kien li jiddikjara kull interess illi huwa kellu f'kumpanniji kummercjali, u di fatti, fid-Dikjarazzjonijet esebiti ir-rikorrenti jindika, fost il-kumpanniji indikati, lill Gansamm Holdings Ltd filwaqt illi iddikjara wholl illi "*irrizenjajt minn kull posizzjoni ta' direttur f'kumpanniji sa' Mejju 2013 meta gejt mahtur Kap tal-Opposizzjoni.*"

Jirrizulta wkoll car illi huwa ma kellu ebda obbligu, a differenza ta' dak allegat mill-awtur tal-artikolu meritu tal-kawza odjerna, illi jiddikjara kemm il-kumpannija The Alphabet Trustee (Nominee) Limited kif ukoll il-kumpannija GSN Limited, peress illi huwa ma kellu ebda azzjoni jew interess fihom.

Jirrizulta illi l-awtur tal-artikolu jallega illi r-rikorrent "**ma ddikjarax sehmu f'wahda miz-zewgt trust companies li hu involut fihom**" u dana allegah fuq il-faccata tal-harga tat-Torca tat 28 ta' Frar 2016 b'ittri kbar.

Jirrizulta illi l-awtur jerrgha jirrepeti talli allegazzjoni f'titolu iehor illi deher fir-raba pagna tal-gazzetta, fejn din id-darba jallega "**Sehem fi trust li ma ddikjarahx**".

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi tali allegazzjonijiet huma infondati, peress illi, a differenza ta' dak allegat mill-awtur, ir-rikorrent ma kellu ebda sehem fil-kumpannija The Alphabet Trustee (Nominee) Limited illi huwa allegatament ma ddikjarax.

Il-Qorti ma tista wkoll ma tosservax illi l-allegazzjonijiet illi saru mill-awtur fil-konfront tar-rikorrenti saru fl-isfond ta' kontrovesja politika illi kienet ghaddejja dak iz-zmien fejn il-Ministru Konrad Mizzi kien qieghed jigi akkuzat illi kellu Trust Company gewwa l-Panama illi huwa ma kienx ddikjara fir-rapport tieghu lill-Ispeaker.

Ghalhekk, ma hemm ebda dubju illi, fil-kaz odjern, il-Qorti ma tistax tapplika l-argumnetazzjoni w gurisprudenza ta' fatti sostanzjalment veri u jew ta' zball genwin fl-ambitu ta' gurnalizmu investigattiv peress illi huwa car illi dak allegat mill-awtur kien intiz sabiex jattakka w jhammeg lir-rikorrent fi iz-zmien illi kien qieghed imexxi kampanja ta' attakki fil-konfront tal-Ministru Konrad Mizzi, kif fuq ahjar deskritt.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi dak allegat u miktub mill-awtur kien intiz sabiex jaghti malafama lir-rikorrent, u ghalhekk ghandu jitqies bhala malafamanti u libelluz fil-konfront tar-rikorrent.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** it-talbiet attrici, u ghalhekk, filwaqt illi

***Tiddikjara*** *il-kontenut tal-artikoli intitolati "**AKKUZI INFONDATI … Il-Kap tal-PN ma ddikjarax sehmu f wahda miz-zewg trust companies li hu involut fihom u li ma semmiex**" u "**SEHEM FI TRUST LI MA DDIKJARAX - Bhala Membru Parlamentari Malti, Busuttil qatt ma ddikjara sehmu f'wahda minn zewg trust companies fejn ghadu jidher shareholder**," illi gew ppubblikati fil-harga tal-gazzetta 'It-Torca' ta' nhar il-Hadd, 28 ta' Frar 2016 fuq l-ewwel pagna u fir-raba' pagna rispettivament kien libelluza u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti Dr Simon Busuttil.*

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrent Dr Simon Busuttil bhala danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 is-somma ta' elfejn Euro (€2,000).

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur